# SUNETTI TAL-GWERRA

*Ta'* Louis Ellul

I.

## LILL-ISLA, BELT TWELIDI

Għalkemm sfajt ħerba waħda, belt baħrija,
U l-hena fik inbidel f'waħx u qtajja';
Għadni bħal dari nħoss għalik foħrija,
Nitgħaxxaq bik, għalkemm ħiemda u bla ħajja.
Għax djarek imġarrfin m'humiex għalija
Ħlief xhieda ta' taqbida, kollha ġrajja
Ta' rebħ għażiż, miksub bid-dmugħ u d-dmija
Għar-riżq tal-Marsa l-Kbira u Dar is-Snajja'.
Quddiemi jiġu swarek għadhom sħiħa
U mkenna taħthom bħal ulied ta' ġewwa,
Ġfien l-art li qiegħda tgħin, bla ħsieb mistrieħa.
Tfarraġ, belt kbira : l-ħidma wtiqa tiegħek,
Li żżomm il-ħbieb u tbarri lill-egħdewwa,
Uriet darb'oħra kemm isarraf driegħek.

II.

## WARA T-TIENI BLITZ

Mitejn, tliet mija ġew kull darba għalina,
Iwerdnu u jgħoddsu fuqna lejl u nhar,
Immexxijin minn nies ta' qalb ħażina
U mgħammra bl-eqqel għodod ta' l-azzar.
Ħidmithom ma kenitx ħlief biss irwina
Biż-żrigħ ta' mewt u qirda minn l-agħar;
Għax ħassru u ġarrfu kulma kien jagħnina;
Bliet qodma, mqades sbieħ u l-ogħna djar.
Iżd'għalkemm fostna rajna dit-tbatija,
Li waqtiet nisslet fina xi tferfira
Ta' biża', m'għelbuniex; għax, b'fehma sħiħa,
Aktar rabbejna l-ħila għal kull ħruxija.
U llum inbierku d-dmugħ ta' ruħna kbira;
Għax b'għarqna u demmna Malta sfat rebbieħa.

## III.

# LIL NAPULJUN

Ma nafx ingħid xi nħoss ġo qalbi jiena,
Kull meta medhi nkun nixtarr ġrajjietek,
Napuljun; għax xi swew il-ħila u l-ħjiena
T'għerfek, fil-mixja qsajra ta' ħajjetek?

Għalkemm mhux darba rbaħt taqbid bla ħniena,
U ġegħ'lt lill-għadu joqgħod għal talbietek;
Kellek tara t-tmiem tiegħek f'Santa Liena,
Mibgħud u mnażża' għal kollox minn qawwietek.

Int tlift, għax ridt tgħix dejjem ta' setgħani
U m'għaraftx tħabbeb miegħek lill-egħdewwa:
Sraqt ġidhom w arthom : ma kont qatt xebgħani.

Illum ukoll qed ngħaddu minn did-dnewwa;
'Ma ż-żmien ma jdumx ma jarġa' jfeġġ daħkani :
Ma ssaltan qatt il-qawwa fuq is-sewwa.